MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 19/2007

**Anne Bharwani**

**vs**

**MIM Training & Development Services Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Lulju, 2007 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni ta' l-appellanti Anne Bharwani pprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-22 ta' Gunju 2005, u ffirmata mill-avukat Nikolai Vella Falzon u l-prokuratur legali Sacha Guillaumier.
>
> DIKJARAZZJONIJIET

Fid-dikjarazzjoni promotorja l-appellanti tiddikjara li hija kienet ilha tahdem mas-socjeta` intimata ghal aktar minn erba' snin bejn Novembru 2000 u Frar 2005, u l-hlas taghha kien jikkonsisti f’ salarju baziku kif ukoll kommissjonijiet. Tghid li s-socjeta` intimata unilateralment iddecidiet li tibdel il-kundizzjonijiet ta' l-impieg billi naqqsitilha d-dhul taghha sostanzjalment u sussegwentement ma hallithiex tkompli tbiegh '*long courses*' biex tbiegh '*short courses*', b' dan li kisret il-kuntratt ta' l-impieg. Wara dan l-appellanti tat in-*notice* biex ma tibqax tahdem mas-socjeta` intimata, u hija tikkonsidra din it-terminazzjoni ta' l-impieg bhala tkeccija minghajr kawza gusta taht il-mansjoni ta' *constructive dismissal*.

Fl-istqarrija tal-kaz taghha tat-13 ta' Settembru 2005, l-intimata eccepiet b' mod preliminari li l-kaz tressaq quddiem it-Tribunal Industrijali tardivament; u eccepiet ukoll li dan il-kaz ma jaqax fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal stante li si tratta ta' rizenja u mhux tkeccija: u allura l-appellanti kellha tmexxi quddiem Qorti Civili biex ir-rizenja taghha tigi dikjarata nulla; eccepiet ukoll li l-appellanti ma setghetx l-ewwel tirrizenja imbaghad titlob rimedju mit-Tribunal Industrijali, izda kellha tirreferi ghalih minghajr ma tirrezenja; u finalment irrispondiet li ma kienx hemm ksur ta' kuntratt stante li l-intimata kellha dritt skond l-istess kuntratt illi timxi kif imxiet fir-rigward tal-*commissions*.

L-appellanti ressqet id-Dikjarazzjoni tal-kaz taghha fil-15 ta' Settembru 2005, u dahlet f’ aktar dettall dwar l-ilmenti taghha. Bazikament tghid li ghal numru ta' snin hija kienet tigi kompensata b' rati partikolari, izda f’ Mejju 2004 is-socjeta` intimata unilateralment introduciet skaletti ta' bejgh hafna aktar ibsin u rati ta' kommissjonijiet differenti minn dak li kien miftihem mal-kuntratt ta' l-impieg. L-appellanti pprotestat izda baqghet fl-impieg, mentri s-socjeta` intimata mhux talli ma tatx kaz ta' dawn il-protesti talli sussegwentement assenjat lill-

appellanti *courses* li kellhom kommissjonijiet ferm inqas minn dawk li kienu jtuha qabel. L-appellanti tinterpreta dan l-agir bhala ksur tal-kuntratt, li halliha minghajr ebda ghazla ghajr li tirrezenja. L-appellanti hawn targumenta li minbarra l-*constructive dismissal* kien hemm ukoll diskriminazzjoni taht artikolu 26(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal diversament presjedut, is-socjeta` intimata irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha. Inoltre, dan it-Tribunal iddecieda li kellha tkun l-appellanti li tressaq il-provi taghha l-ewwel. L-appellanti ressqet provi permezz ta' affidavits u dokumenti. Is-socjeta` intimata ressqet xhud u diversi dokumenti. Il-partijiet ressqu noti ta' sottomissjonijiet u ttrattaw il-kaz verbalment.

IL-PROVI

F' dan il-kaz ftit li xejn hemm konflitt bejn il-verzjoni tal-fatti ta' l-appellanti u dik tas-socjeta` imtimata. F' Novembru 2000 l-appellanti dahlet tahdem ma' l-appellata bhala Senior Executive, u ghal dan gie ffirmat kuntratt ta' impieg (Dokument AB/1). Dan il-kuntratt kien jistabilixxi, fost affarijiet ohra, is-salarju annwali ta' l-appellanti, l-*allowances, commissions* u kumpensi ohra. Fi klawsola 14 ta' dan il-kuntratt insibu li l-partijiet qablu li dan hu kuntratt ta' impieg ghal zmien indefinit, izda kull tliet snin il-kundizzjonijiet ta' l-impieg kellhom jigu reveduti.

Jidher li wara li ghalqu t-tliet snin, il-partijiet bdew jaraw kif sir jigi revedut dan il-ftehim, izda qatt ma gie rregistrat ftehim dwar dan. Imbaghad f’ Mejju 2004 is-socjeta` intimata zammet Board Meeting li fih gie deciz li l-*commissions* pagabbli jinqasmu f’ zewg pagamenti, gew stabbiliti miri godda ghall-

konfermi ta' Foundation Course in Management, u gew reveduti r-rati ta' *commissions* b' effett retrospettiv mill-1 ta' Mejju 2004. Dawn id-decizjonijiet gew komunikati lill-appellanti permezz ta' Memo tal-11 ta' Mejju 2004 (Dokument AB/4), fejn inghad ukoll li dan it-tibdil kien qed isir ghaliex d-dhul ta' partecipanti kien baxx. L-appellanti pprotestat dwar dan, u b' mod partikolari ssir referenza ghall-ittra li kitbet fl-14 ta' Lulju 2004 lill-General Manager Anthony Padovani (dokument AB/6).

Ma jirrizultax li l-appellanti rceviet risposta definita ghat-talba taghha biex jigu rtirati l-kondizzjonjiet il-godda. Imbaghad l-appellanti ghamlet xi gimghat wieqfa mix-xoghol minhabba ragunijiet medici, u sussegwentement is-socjeta` intimata baghtet ittra lill-appellanti datata 23 ta' Dicembru 2004 (A/7) li biha infurmatha li kien hemm bzonn ta' ristrutturar minhabba li l-miri tal-bejgh ma kienux qed jintlahqu. Dan l-istrutturar kien jirrikjedi li l-appellanti tigi assenjata fuq xoghol li jirrigwarda "*short courses*" biss.

L-appellanti rrispondiet ghal din l-ittra tramite l-konsulent legali taghha permezz ta' ittra tat-30 ta' Dicembru 2004 fejn fiha saru protesti kemm dwar ir-rati tal-*commissions*, kemm dwar *commissions* mhux imhallsa, kif ukoll dwar l-illimitar tax-xoghol ta' l-appellanti ghal *short courses* biss (dokument AB/8). Hawnhekk l-avukat taghha jghid "*my client is being forced by management to resign as her position is being rendered untenable ...*" Bhala fatt, l-appellanti ma rrizenjatx dakinhar, imma tat n-*notice* fil-31 ta' Jannar 2005, u sussegwentement gie stabbilit li t-terminazzjoni ta' l-impieg sehh fit-28 ta' Frar 2005[1]. Ma jirrizultax li s-socjeta` intimata rrispondiet ghal din l-ittra.

[1] Vide verbal ta' l-ewwel seduta tat-22 ta' Settembru 2005.

Ix-xhud tas-socjeta' attrici, is-sur Lawrence Mizzi (dak iz-zmien Chairman), jghid li wara din l-ittra saru diskussjonijiet, izda dan it-Tribunal jifhem li kulhadd zamm il-pozizzjoni tieghu. In rigward ta' dik id-decizjonijiet mehuda mis-socjeta` intimata fil-konfront ta' l-appellanti, is-sur Mizzi jispjega li "*d-diploma course minhabba n-nuqqas, il-kompetittivita` u kellna nuqqas ta' konkorrenza, jekk m' hinix sejjer zball bdejna biss bi hdax-il student, fil-fatt spiccajna nirranjawh bit-telf u fil-fatt il-bord dak iz-zmien kien ha decizjoni mill-ewwel illi d-diploma course ahna neliminawh.*" Huwa jghid li kien ghalaq il-ftehim dwar il-*courses* tal-Maastricht School of Management, u kienu nbdew negozjati godda ma' l-istess skola kif ukoll ma' l-Universita` ta' Edinburgh. Jghid ukoll li "*kien qed jigri li l-margin tal-kumpanija kienet qed tonqos hafna u ahna ovvjament il-commission hija kkunsidrata mill-kumpanija bhala cost ...*" Jghid ukoll li wara li biex isolvu din il-problema naqqsu r-rati tal-*commission*, l-appellanti ma qablitx ma' din il-mizura, u "*jekk m'hinix sejjer zball meta kienet tircievi l-paga kienet tibghatilna email illi qeghda taccetta l-paga under protest.*" Huwa jghid li l-appellanti ressqet dan il-kaz quddiem il-Labour Office, li ghamlu r-rapprezentazzjonijiet taghhom. In kontro-ezami x-xhud jghid li l-appellanti kienet wahda mill-ahjar *sales persons* li kellha l-kumpanija, u ddispjacihom meta telqet. Jghid li l-kumpanija batiet xi konsegwenzi malli waqfet tahdem l-appellanti ghax ma kellhomx min ibieghlhom il-korsijiet. Jghid ukoll li ghalkemm id-diploma course fl-2004 kien qed jitmexxa bit-telf, il-kumpanija in generali ma kinitx qed taghmel telf.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan il-kaz gie dibattut kemm permezz ta' Noti kif ukoll permezz ta' trattazzjonijiet verbali. L-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimata giet sorvolata billi dan il-kaz tressaq fiz-zmien moghti mil-ligi.

Dwar it-tieni eccezzjoni li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni jisma' kazijiet ta' rizenji qabel ma' dik ir-rizenja tigi annullata b'sentenza tal-Qorti Civili, jinghad bla tlaqliq li tali eccezzjoni hija infondata u insostenibbli: kienet l-istess intimata li fin-Nota taghha ma insistietx fuq din l-eccezzjoni, anzi ttrattat fuq il-kuncett tal-*constructive dismissal* fejn rizenja minn impjegat tista' titqies bhala wahda forzata u tekwivali tkeccija.

Skond it-tielet eccezzjoni, l-appellanti kellha rimedju li tirrikorri ghad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali. kif fil-fatt ghamlet, izda ma kienx hemm htiega ta' rizenja. It-Tribunal jaqbel li f' kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn haddiem u min ihaddmu, il-partijiet ghandhom ifittxu rimedji li jsalvaw l-impieg. Dan ghandu jsir f' atmosfera ta' *bona fede*, u gialadarba jigi rizolt dak id-dizgwid, iz-zewg nahat jibqghu jikkooperaw f' ambitu fejn kull parti tehtieg lill-parti l-ohra. L-appellanti tivvanta li r-rizenja taghha tirrisali ghal *constructive dismissal* ghaliex l-agir ta' min ihaddimha rrenda l-impieg taghha inaccettabbli. Il-linja ta' dimarkazzjoni bejn nuqqas ta' ftehim genwin u trattament inaccettabbli da parti ta' min ihaddem tista' tkun fina u mhux facli li tiddeterminaha. Dan hu stat ta' fatt li jiddependi fuq il-provi prodotti. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi trattata mat-talbiet ta' l-appellanti fuq il-mertu.

Ir-raba' eccezzjoni ssostni li fir-rigward tal-bdil fir-rati tal-*commissions* u fil-mod kif jithallsu, is-socjeta` intimata kellha kull dritt taghmel it-tibdiliet fil-kuntratt ta' l-impieg skond l-esigenzi taghha, u dan a tenur ta' klawsola 14 ta' l-istess kuntratt ta' l-impieg. Is-socjeta` intimata targumenta, sia fin-Nota taghha kif ukoll fit-trattazzjoni verbali ta' l-abbli rapprezentant taghha, li klawsola 14 tal-kuntratt taghtiha d-dritt li tbiddel il-kundizzjonijiet ta' l-impieg ta' appellanti kull tliet snin, anke unilateralment. L-appellanti ma' taqbilx. Minn

ezami akkurat ta' klawsola 14 u klawsola 15 tal-kuntratt, jemergi bl-aktar mod car li fil-waqt li klawsola 14 tghid biss li l-kondizzjonijiet ta' l-impieg jinbidlu wara tliet snin, klawsola 15 tghid li l-*job specification* tiddeterminaha l-kumpanija, u l-kumpanija ghandha dritt tbiddilha skond l-esigenzi taghha. Skond il-principju antikissmu li *pacta sunt servanda*, kull qbil bejn zewg partijiet jew aktar jista' jinbidel biss bi qbil bejn l-istess partijiet, sakemm ma jinghadx mod iehor. Huwa veru li klawsola 15 tal-kuntratt de quo taghti s-setgha lill-kumpanija intimata li tbiddel l-istess *job specification* meta trid u skond l-esigenzi taghha, izda klawsola 14 ma tghidx l-istess. Dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif l-intimata tippretendi li f' dan il-kuntratt bi-laterali hija ghandha aktar sahha mill-parti l-ohra, tant li tista' tbiddel il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u timponihom fuq il-parti l-ohra. Bl-istess argument, ma tistax l-appellanti wkoll tippretendi li a tenur ta' klawsola 14 hija tgholli r-rati ta' *commissions* unilateralment? It-tezi ta' l-intimata mhix sostenibbli u din ir-raba' eccezzjoni qed tigi michuda.

Jibqa' ghalhekk li jigi investigat jekk ir-rizenja ta' l-appellanti tinkwadrax fl-estremi ta' *constructive dismissal*. Fl-ewwel lok ghandu jinghad li ghall-istess ragunijiet moghtija ghac-cahda tar-raba' eccezzjoni, dan it-Tribunal isib li meta f' Mejju 2004 il-kumpanija intimata biddlet ir-rati tal-*commissions* kif stabbiliti fid-dokument "A" anness mal-kuntratt ta' l-impieg, hija kienet qed tikser il-ftehim miktub bejn il-partijiet. L-appellanti tallega li anke meta kien hemm bdil fil-modalita` tal-hlas kien hemm ksur ta' dan il-ftehim, izda dan it-Tribunal ma jirrizultalux li kien hemm rabta dwar kif jithallsu dawn il-kummissjonijiet. L-appellanti ssostni permezz ta' l-abbli rapprezentant taghha li l-intimata kienet intrabtet li tifformula *job specification*, u la dan m'ghamlitux kienet qed tikser il-kuntratt b' dan ukoll. It-Tribunal ma jaqbilx u jinnota li tali *job specification* seta' jsir u jigi

varjat mill-intimata kull meta trid, u ghalhekk kien fl-interess taghha li taghmlu: il-fatt li dan m'ghamlitux ma ppregudikax lill-appellanti.

Dwar il-principju tal-*constructive dismissal* il-Qrati taghna accettawh mhux biss f' kaz ta' ksur tal-kuntratt miktub, izda anke f' kaz ta' ksur ta' ftehim implicitu bejn il-haddiem u min ihaddem: fil-kaz **Joan Zammit vs S. Borg & Sons Ltd** (Appell Civili Numru 5/2005/PS tad-19 t'Ottubru 2005), inghad li "ma hemm xejn x' josta lit-Tribunal milli fir-ricerka tieghu "ghar-raguni tajba u biz-zejjed" li jsemmi l-Artikolu 36 (14) ta' l-Att precitat, fil-kaz ta' licenzjament jidhol biex jinvestiga jekk kienx hemm ksur ta' xi patt implicitu tal-kuntratt ...". Bhala ezempju dik il-Qorti ssemmi telf ta' fiducja fl-impjegata, u l-appellanti fil-kaz odjern tallega li l-agir ta' l-intimata jammonta ghal telf ta' fiducja fiha. It-Trinunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni. Anzi, ghall-kuntrarju, wara li dan it-Tribunal evalwa l-provi kollha prodotti, jsib li r-rapprezentanti ta' l-intimata kellhom hafna fiducja fl-appellanti ghax din tant bdiet taghmel xogholha tajjeb li kienet bdiet tigbor *commission* gholja. It-Tribunal jikkonkludi li l-mizura mehuda f' Mejju 2004 li jitbaxxew ir-rati tal-kummissjonijiet kienu proprju intizi li jnaqqsu l-introjtu ta' l-appellanti u naturalment izidu l-profitti tal-kumpanija intimata. Dan hu ksur tal-kuntratt b' konsegwenzi konsiderevoli.

Hareg bl-aktar mod car li kuntrarju ghal dak li tissottometi l-intimata, mhux biss l-appellanti oggezzjonat ghat-tibdil fir-rati izda baqghet taccetta l-paga "*under protest*", skond kif jghid Lawrence Mizzi. L-appellanti ma rrizenjatx ma' l-ewwel intopp. Dan hu relevanti ghaliex fil-kaz **Mizzi Limited vs Michael Debono** (Appell Civili numru 738/2000/DS tat-2 ta' Lulju 2003) gie citat il-ktieb **Industrial Law** ta' I. T. Smith u J. C. Wood fejn inghad:

> *"Although the theory behind constructive dismissal is that it is the employer who terminates the contract for statutory purposes, in practice it will usually be the employee who takes the final step by resigning and walking out, thus showing that he has accepted the employer's repudiation as concluding the contract. If the employee does not take such action, or does so after a delay, there is the danger (particularly in cases where the employer's conduct consists of a unilateral proposal to change the terms of employment) of this being construed as an agreement by the employee to a variation in the contract; if this is so there is no constructive dismissal, even if the employee later resigns. To avoid this danger, the employee should make up his mind quickly whether to leave, or, if his economic circumstances are such that he feels he has to continue working for a short period following the conduct in question, he should let it be known that he does not agree to that conduct and is working under protest."*

Dan jikkombacja mal-kaz in ezami, bid-differenza l-appellanti baqghet fl-impieg mhux ghal ragunijiet finanzjarji izda ghax pruvat tasal fi ftehim. Ghal dak li jirrigwarda d-decizjoni mehuda f’ Dicembru 2004 li l-appellanti ma tinghatax *long-term courses* xi tbiegh, dan it-Tribunal isib li ma kien inkiser ebda ftehim bejn il-partijiet, u mehuda wahedha dik id-decizjoni ma tiggustifikax lill-appellanti milli tirrizenja. Madankollu dik id-decizjoni ghandha tigi ezaminata fil-kuntest tad-decizjoni mehuda f’ Mejju 2004.

Dwar id-decizjoni mehuda f’ Dicembru 2004, dan it-Tribunal jinnota li fil-waqt li r-rapprezentant tas-socjeta` intimata xhed li l-ittra tat-23 ta' Dicembru 2004 kienet rizultat tal-fatt li temporanjament ma kienx hemm *long-term courses* x’ jinbieghu, l-istess ittra ma tirriflettix dan il-kuntest, imma tghid

li l-appellanti kienet ser tinghata l-bejgh tas-*short courses* minhabba "*problems we had last year in meeting the sales targets*". Imkien mhu indikat li din kienet mizura temporanja. Dan it-Tribunal ra li fil-mument li ntbaghtet dik l-ittra l-intimata mhux biss kienet ghadha qed tipprova zzomm il-*long courses* tal-Maastricht School of Management (MSM) izda kienet diga` bdiet tinnegozja *long courses* ma’ l-Edinburgh Business School (BBS); ghalhekk dan it-Tribunal huwa konvint li l-assenjament gdid moghti lill-appellanti ma kienx wiehed temporanju izda wiehed permanenti. L-anqas ma jirrizulta li fid-diskussjonijiet li sehhew f’ Jannar 2005 kien hemm xi spjega li l-mizura indikata fl-ittra tat-23 ta' Dicembru 2004 kienet wahda spinta mill-prioritajiet tal-mument. Fic-cirkostanzi kollha li rrizultaw, partikolarment il-fatt li dak iz-zmien kien ghad hemm pendenti nuqqas ta' qbil dwar id-decizjoni li kienet ittiehdet f’ Mejju ta' qabel, dan it-Tribunal ihoss li kollox ma’ kollox ma kienx hemm *bona fede* da parti tal-kumpanija intimata, u bir-ragun l-appellanti hasset li r-rapprezentanti tal-kumpanija intimata kienu qed isibu mezzi sabiex l-appellanti ma tibqax taqla' *commissions* daqskemm kien irnexxiela taqla' fl-ahhar sentejn, u possibilment tiddejjaq u titlaq. Ghalhekk dan hu kaz ta' *constructive dismissal*.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed fl-ewwel lok jirrespingi l-eccezzjonijiet ta' l-intimata: isib li t-tkeccija ta' l-appellanti taqa' fil-parametri ta' *constructive dismissal*, u cioe` tkeccija mhux gustifikata, u konsegwentement jordna lill-kumpanija intimata thallas kumpens ta' elfejn lira (Lm2000) lill-appellanti fi zmien hamsin gurnata mil-lum. Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta’ l-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' Lm40. B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.”

Huma principalment tnejn il-lanjanzi li s-socjeta` intimata tadduci bl-appell taghha kontra din is-sentenza, u cjoe, li:

1. It-Tribunal ma ddecediex sew l-eccezzjoni legali taghha dwar il-gurisdizzjoni;
u 2. It-Tribunal interpreta hazin il-principji tad-dritt in materja ta' "*constructive dismissal*";

Hi s-sottomisjoni tas-socjeta` appellanti fuq l-ewwel motiv ta' aggravju illi l-appellata kien messha adit lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex dik ir-rizenja taghha minn mal-kumpanijia tigi annullata. Fil-hsieb tal-Qorti din is-sottomissjoni, kemm ghall-importanza taghha bhala punt ta' dritt procedurali, kif ukoll ghal certi principji sostantivi regolaturi, tirrikjedi aktar approfondiment minn dak attribwit lilha mit-Tribunal;

M' hemmx dubju illi r-rizenja mill-impjieg tirrapprezenta att ta' ezercizzju potestativ mill-haddiem li jgib mieghu t-tmiem ta' rapport tax-xoghol. In kwantu manifestazzjoni tal-volonta` tal-haddiem l-ezercizzju tieghu hu indipendenti mill-volonta ta' min ihaddem. S' intendi, fil-kaz ta' impjieg ghal zmien bla limitu, il-haddiem li jirrizenja jrid isegwi d-dettami tal-preavviz li hu tenut jaghti lill-principal tieghu skond is-subinciz (5) ta' l-Artikolu 36 tal-Kapitolu 452;

Dan premess, jezisti l-presuppost li r-rizenja hu att unilaterali rrevokabbli u allura, una volta migjub fis-sehh u a konoxxenza ta' min ihaddem, ir-revoka ta' dik l-istess rizenja tinnecessita` l-kunens tal-kontro-parti. Naturalment, dik ir-rizenja tista' wkoll tigi annullata ghal motiv tal-vizzju tal-kunsens taghha, f' liema kaz, jekk akkolta, is-sentenza dwarha ghandha effikacja retro-attiva u timporta r-repristinar ta' dik is-sitwazzjoni ta' fatt u ta' dritt pre-ezistenti. Gurisdizzjonalment, dan l-annullament jista' jintalab, ghal dik ir-raguni, mill-Qrati ordinarji u mhux mit-Tribunal specjali;

Fil-kaz in ispecje huwa evidenti bosta illi l-appellata la talbet ir-revoka u lanqas l-annullament tar-rizenja taghha. L-interessament taghha bl-azzjoni kostitwita quddiem it-Tribunal jidher li kien dak mahsub li jigi demostrat li, fic-cirkostanzi pervenuti, dik ir-rizenja giet sfurzata fuqha, jew imposta lilha, u tali kienet tekwivali ghal dik ta' *constructive dismissal*. Evidentement, il-gudizzju dwar dan kien jispetta lil kompetenza tat-Tribunal adit u mhux lil xi qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jitqies insostenibbli;

Bit-tieni motiv ta' aggravju s-socjeta` appellanti tavvanza t-tezi illi l-ilmenti ta' l-appellata ma setghux jammontaw ghal *constructive dismissal,* anke ghaliex dawk l-istess ilmenti taghha kienu rimedjabbli. *Inter alia*, l-appellata, skond is-socjeta` appellanti, kellha r-rimedju ghall-harsien tad-drittijiet taghha li titlob il-kundanna taghha ghall-hlas tal-kummissjonijiet l-aktar gholja. Addizzjonalment, u f' kull kaz, dejjem skond l-istess kumpanija appellanti, hi kellha kull dritt tvarja r-rata tal-kummissjoni fil-qafas tal-jeddijiet kontrattwali taghha;

B' kuntrast ma' din il-fehma, l-appellata tissottometti illi r-rizenja adottata minnha kienet il-konsegwenza tal-kondotta tas-socjeta` appellanti fil-konfront taghha, indotta fuqha minn dawk tac-cirkustanzi li fuqhom issofferma t-Tribunal u li gabilha riduzzjoni sostanzjali fl-introjtu taghha;

Fermi dawn it-tezijiet opposti tal-partijiet, ma jistax ikun disputat illi l-accertament u l-valutazzjoni tal-fatti ghall-iskop li jkun stabbilit jekk ic-cirkustanzi singolari tal-kaz jintegrawx, o meno, qaghda ta' *constructive dismissal*, huma materja rimessi esklussivament lit-Tribunal, u mhux ukoll lil din il-Qorti ta' revizjoni, hekk gurisdizzjonalment limitata ghas-sindikar "fuq punt ta' ligi" [Artikolu 82 (3) ta' l-Att XXII ta' l-2002]. Biex ikun xort' ohra u din il-Qorti tkun tista' tirrevedi dik il-valutazzjoni tal-fatti jrid jirrizultalha illi

din l-istess valutazzjoni giet maghmula in bazi ghall-ipotesi skorretta tal-ligi. Ara **Kollez. Vol. XXXVII P I p 126**;

Gja din il-Qorti f' sentenza anterjuri taghha kienet irrilevat illi ghalkemm il-ligi Maltija ma tipprovdix definizzjoni ta' *constructive dismissal*, ma kien hemm xejn x' josta lit-Tribunal milli fir-ricerka li kien jehtieglu jaghmel, jasal ghal kwalifika ta' din l-espressjoni in bazi ghall-fatti u dak tar-rapport kontrattwali bejn il-partijiet. Ara "**Joan Zammit -vs- S. Borg & Sons Ltd**", 19 ta' Ottubru 2005. Dan s' intendi, il-Qorti rragonatu in bazi ghall-konsiderazzjoni illi ma jezistu ebda kriterji fissi li bihom l-atti jew il-fatti jistghu jigu mizurati fir-ricerka tal-verita`;

Wisq naturali, pero`, f' gudizzju bhal dan promoss mill-impjegat li ddemetta, is-sussistenza tar-raguni u tac-cirkustanzi li wasslu ghal dik ir-rizenja jridu jkunu aktar rigoruzi in kwantu l-impjegat jehtieglu jipprova illi dik ir-rizenja tieghu kienet tabilhaqq ir-rizultat ta' trattament avvers li hu jallega li rceva minghand il-principal tieghu. Fi kliem iehor, fl-ipotesi tal-kaz hawn ikkontemplat, it-Tribunal kellu jivverifika jekk id-dikjarazzjoni ta' l-appellata u l-imgieba taghha dwar liema wiehed htieglu jattribwixxi valur lir-rizenja taghha, kienux verament il-manifestazzjoni univoka tal-volonta` inkondizzjonata taghha li ggib fit-tmiem ir-rapport tax-xoghol jew kienux, invece, l-ezitu ta' qaghda estrema imposta fuqha;

F' dan il-kaz jidher li t-Tribunal, tajjeb jew hazin, fuq ir-rikostruzzjoni u interpretazzjoni tieghu tal-fatti u ta' certi cirkustanzi li hu hass li kienu l-aktar saljenti, sintetikament irraguna illi l-appellata ma baqghetx tircievi l-istess trattament ekonomiku korrispondenti ghall-prestazzjonijiet taghha precedenti u li, kollox ma' kollox, ma giex ipprovat, ghall-konvinciment tieghu, illi kienu jezistu motivi organizzattivi serji li jiggustifikaw dan. Hu fuq din il-bazi duplici li t-Tribunal sab li kien jezisti kaz ta' *constructive dismissal*. Valutazzjoni din merament wahda fattwali u

ma kienet tinvolvi ebda punt ta' ligi, jekk mhux biex ikun determinat l-gravita tal-konsegwenzi fuq id-drittijiet guridici ta' l-appellata, hekk oggett tat-tutela mil-ligi bl-Att imsemmi;

Jista' jkun illi kif ragonat mis-socjeta` appellanti, l-appellata kellha rimedji ohra disponibbli biex thares l-interessi taghha. Dan pero` ma kienx jeskludiha milli minn fost dawn ir-rimedji taghzel dik li hi dehrilha li, gudizzjalment, kienet l-aktar attinenti u konvenjenti ghaliha. Ghandu, certament, ikun koncess anke mis-socjeta` appellanti illi l-ghazla tar-rimedju ma kienx jiddependi minn xi volonta` taghha izda biss minn dik ta' l-appellata, purke`, s' intendi, hekk akkordat lilha mil-ligi. Apparti dak li gja gie espress aktar 'il fuq, anke ghal din ir-raguni l-appell taghha, b' dan l-aggravju, ma jistax jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi billi tirrespingi l-appell fiz-zewg kapi ta' l-aggravji tieghu u tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal Industrijali, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------